

# News Releases



# L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Lulju tal-2023

NR150/2023 Release Date: 23 ta' Awwissu 2023

*F'Lulju 2023, ir-rata annwali tal-inflazzjoni hekk kif imkejla mill-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI) kienet ta' 4.7 fil-mija; tnaqqis mir-rata ta' 5.4 fil-mija rreġistrata fix-xahar ta' qabel..*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

L-ogħla rati annwali ta' inflazzjoni f'Lulju 2023 kienu rreġistrati fl-Akkomodazzjoni (8.9 fil-mija) u fl-Ikel (8.8 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-aktar rati annwali baxxi ta' inflazzjoni kienu rreġistrati fl-Ilbies u ż-żraben (-2.2 fil-mija) u fl-Ilma, elettriku, gass u karburanti (0.0 fil-mija) (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Rati tal-inflazzjoni




## Ċart nru 2. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni għall-għaxar gruppi ewlenin

Ġunju 2023




Nota: L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.

Ċart nru 3 turi l-impatt mogħti mill-għaxar gruppi ewlenin fuq ir-rata annwali tal-inflazzjoni. Impatt huwa kejl li jindika l-kontribuzzjoni fuq l-inflazzjoni minn kull wieħed minn dawn il-gruppi. L-impatt jikkunsidra kemm il-piżijiet tal-indiċijiet kif ukoll ir-rata annwali tal-inflazzjoni skont il-grupp.

F'Lulju 2023, l-akbar impatt fuq l-inflazzjoni annwali ġie mill-Indiċi tal-Ikel (+1.90 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tat-takeaways. It-tieni u t-tielet l-akbar impatti fuq l-inflazzjoni ġew innotati fl-Indiċi tal-Akkomodazzjoni (+0.70 punti perċentwali) u fl-Indiċi ta' Prodotti u servizzi oħra (+0.55 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla għas-servizzi tal-manutenzjoni tad-dar u assigurazzjonijiet, rispettivament (Ċart nru 3).

Impatt 'l isfel fuq l-inflazzjoni annwali kien irreġistrat fl-Indiċi tal-Ilbies u ż-żraben (-0.14 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet aktar baxxi tal-ħwejjeġ (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. Il-kontribut tal-għaxar gruppi ewlenin għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Ġunju 2023




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.

**L-aggregati**

F'Lulju, l-Indiċi tal-Akkomodazzjoni rreġistra l-ogħla rata annwali tal-inflazzjoni bi 8.9 fil-mija (Tabella nru 1), li minnha l-Kera rreġistrat rata annwali ta' 17.4 fil-mija, filwaqt li materjali għall-manteniment tad-dar irreġistraw rata annwali ta' 6.4 fil-mija, u s-servizzi għall-manteniment tad-dar irreġistraw rata annwali ta' 9.1 fil-mija (Tabella nru 3).

L-Indiċi tal-Ilbies u ż-żraben irreġistra l-aktar rata annwali baxxa ta' inflazzjoni bi -2.2 fil-mija (Tabella nru 1), li minnha l-Ħwejjeġ irreġistraw rata annwali ta' -2.3 fil-mija u ż-Żraben irreġistraw rata annwali ta' -1.7 fil-mija (Tabella nru 3).